Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Mario Bonello)

vs

Luciano Nicolosi

Illum 6 ta' Lulju, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom gie akkuzat talli fis-7 ta' April, 2000 ghall-habta tal-10.30a.m. f''Msida Valley Road B'Kara minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' Joseph Stivala f'perikolu car ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq l-imsemmija

persuna skond kif iccertifikat Dr. Marylese Galea Scanura tal-isptar San Luqa;

Talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi ostakola l-passagg liberu billi ipparkja l-vettura tieghu SR302142 b'tali manjiera;

Talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub

(a) fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 17(c), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-Artikolu 18 Kapitolu 65 u l-avviz legali 128 tal-1994;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi fis-7 ta' April, 2000 ghall-habta tal-11.00a.m. Joseph Stivala informa lill-pulizija li ftit hin qabel f'Valley Road B'Kara huwa kien gie aggredid mill-imputat fuq imsemmi u illi kien qala daqqa, wegga u mar l-isptar fejn kienet ratu Dr. Marylese Galea Scanura u iccertifikat li l-griehi li kellu kienu ta natura gravi.  Kien ghalhekk illi l-pulizija arrestaw lill-imputat fuq imsemmi illi irrilaxxja stqarrija fejn qal illi fis-7 ta' April, 2000 ghall-habta tal-10.30a.m. kien qieghed Imsida Valley Road, B'Kara quddiem tal-Alfa.  Huwa waqqaf il-karozza tieghu hemm hekk u wiehed mill-Managers kienu qalulu biex jipparkja quddiem karozza ohra.  Huwa ghamel kif qalulu u dahal gewwa sabiex jiftiehem gurnata ta' meta

kellu jdahhal il-karozza tieghu ghat-tiswija. Skond l-imputat dejjem fl-istqarrija li irrilaxxja lill-pulizija dan il-Manager kien talbu biex igib id-dokumenti mill-karozza. Huwa mar fejn il-karozza biex igib id-dokumenti u kien hemm ragel illi qallu, "Inti Taljan" u qallu, "F'oxx l-Italja tieghek" u kliem ohra oxxen fil-konfront ta' persuni ta' nazzjonalita Taljana. L-imputat kompla jghid lill-pulizija li huwa dahal gewwa tahom id-dokumenti, hareg barra u ra lil dan ir-ragel niezel bil-girja minn fuq. Kif ra hekk huwa haseb illi dan kien gej jghidlu xi haga u ghalhekk tah daqqa ta' ponn. Umbaghad hareg kulhadd, gie pulizija jigri u aktar tard gew aktar pulizija u huwa kien mar l-ghassa tal-pulizija. L-imputat cahad illi meta rah mal-art huwa beda jaghtih daqqiet bis-sieq. Huwa ammetta illi ipparkja l-karozza tieghu fin-nofs u li l-ebda karozza ohra ma setghet tghaddi, pero' qal illi huwa ghamel hekk ghaliex hekk kien qallu biex jaghmel il-Manager tal-Alfa. Huwa qal illi kien ilu joqghod Malta madwar sentejn. L-imputat kompla jghid lill-pulizija li waqt l-incident kien mat-tfajla illi kienet gewwa fix-showroom tal-Alfa qeghda tistennih.

Illi xehed Joseph Stivala u qal illi fis-7 ta' April, 2000 hu kien ghaddej minn Valley Road B'Kara bil-karozza tieghu u ried jidhol ghand tal-Hyundai sabiex jiehu l-karozza tieghu ghas-service. Kien hemm karozza quddiemu u kien hemm karozza ohra li kienet ghalqet l-entratura tas-showroom tal-Hyundai. Stivala kompla jixhed illi damu jistennew xi hames minuti, jew forsi ghaxar minuti u tfacca l-individwu li kellu l-karozza li kienet qeghda tinblokka t-triq. Huwa ma kienx jaf min kien u qallu, "Don't park the car next to mine". Skond Stivala l-imputat ghamel mossa b'idejh u huwa qallu f'sieq l-Italja. Pero' fil-fatt ammetta li huwa qalha b'mod oxxen din l-espressjoni. Stivala kompla jixhed illi dan ir-ragel umbaghad telaq u huwa dahal ghand tal-Hyundai u x'hin nizel in-nizla kollha ra lill-imputat gej bil-girja, tah daqqa ta' ponn, gerbu mal-art u hemm hekk beda jaghtih bis-sieq. Umbaghad daru n-nies maghhom u lilu haduh l-isptar u irrizulta effettivament anke minn certifikat mediku illi gie esebit illi Stivala kellu ksur f'idejh ix-xellugija. Ghaldaqstant il-feriti tieghu gew ikklassifikati bhala ta' natura gravi perdurata.

Illi xehed Peter Azzopardi illi jahdem bieb ma bieb max-showroom tal-Fiat B'Kara. Huwa qal illi fis-7 ta' April, 2000 filghodu ra lil Joseph Stivala niezel ir-rampa. Kien ghadu kemm xtara xi spare parts minghand tal-Fiat u kien niezel bil-mobile phone f'idejh. Azzopardi kompla jixhed illi meta Stivala kien wasal fil-parti tan-naha ta' isfel tar-rampa ra guvni li habat ghal Stivala. Huwa xehed ukoll illi ma kien inqala' l-ebda incident bejn dawn iz-zewg irgiel matul l-ghaxar, hmistax-il minuta qabel l-incident, matul liema hin Azzopardi kien fil-bieb. Azzopardi xehed illi ra dan il-guvni jahbat ghal Stivala bhal iljun. Stivala waqa fl-art u kif kien fl-art dan ir-ragel beda jaghtih bis-sieq fejn gie gie. U meta Stivala qam ghaliex kienu marru biex jaghtuh l-assistenza dan ir-ragel rega mar sabiex jahbat ghal Stivala u hu u persuni ohrajn firduhom. Azzopardi xehed illi jaghraf lir-ragel illi semma illi habat ghal Stivala bhala l-imputat fuq imsemmi. In kontro-ezami huwa xehed illi lil Stivala ma semghu jghidlu xejn lill-imputat fuq imsemmi f'dawn l-ghaxar minuti jew kwarta li kien ilu fil-bieb. Ix-xhud kompla jghid illi wara illi l-imputat kien sawwat lil Stivala, Stivala qam mill-art, kellu wiccu bid-demm niezel u qal lill-imputat, "Jiena x'ghamiltlek, ghalfejn ghamiltli hekk?" U illi minn meta sema

hekk l-imputat fuq imsemmi rega mar biex issawwat aktar lil Stivala.

Illi xehed John Tabone u qal illi huwa jahdem fl-Alfa Romeo showroom u li fis-7 ta' April, 2000 inqala incident. Huwa kien fis-showroom, sema hafna storbju, hareg biex jara x'kien qieghed jigri u ra lil Joe Stivala mizmum minn Peter Azzopardi u minn Victor Aquilina li huwa l-foreman u ralu d-demm hiereg minn wiccu. Tabone xehed illi f'daqqa wahda ra lill-imputat fuq imsemmi gej ghal Stivala u tah "double kick", laqtu f'idu u tajjarlu ic-cwievet. Kien ghalhekk illi mar Tabone u imbotta lill-imputat 'il boghod minn Stivala sabiex jifridhom. Tabone xehed illi sema lil Stivala jghid, "Ara x'ghamilli" u ma semghu jghid xejn iktar.

Illi xehdet Dr. Marylese Galea Scanura illi gharfet ic-certifikat taghha li jinsab a fol. 19 tal-process u qalet illi l-injuries li kien sofra Stivala kienu gravi perdurata. Hija xehdet illi rat lill-pazjent fil-Casualty l-isptar u sussegwentement ma ratu qatt iktar.

Illi xehed Victor Aquilina illi jahdem bhala foreman ma tal-Fiat u qal illi fis-7 ta' April, 2000 kien fuq ix-xoghol u kien gie ragel Taljan u kien talab illi jaghmlulu service fil-karozza tieghu. Huwa kien indika lil dan it-Taljan fejn kellu jmur jipparkja. Pero' wara ftit dan it-Taljan gie u qallu li ma kienx sab jipparkja. Qallu wkoll illi kien hemm ragel li kien offendih bl-Italja. Aquilina xehed illi huwa qaghad il-hin kollu ma dan it-Taljan u wara ftit nizel wiehed illi hu ma kienx jaf min hu u x'hin wasal fit-tarf tar-rampa it-Taljan qabad issawwat lil dan ir-ragel. Huwa gharaf lil dan it-Taljan li semma fix-xhieda tieghu bhala l-imputat fuq imsemmi. Aquilina kompla jixhed illi wara ftit meta l-imputat beda issawwat lil dan it-Taljan hareg John Tabone mis-showroom tal-Fiat u kien hemm ukoll is-Sur Peter illi jkun f'showroom ohra. Wara ftit kien hemm il-pulizija, sejhu lill-imputat u hadu hsieb illi jikkontrollaw is-sitwazzjoni.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi kien mar flimkien mat-tfajla tieghu, illi dak iz-zmien kienet qeghda tistenna it-tarbija tieghu, ghand tal-Alfa Romeo f'Valley Road B'Kara. L-imputat xehed illi ipparkja hemm hekk u flimkien mat-tfajla dahlu fis-showroom tal-Fiat. F'hin minnhom waqt li kien fis-

showroom talbuh igib dokument u kien ghalhekk li kellu jmur mill-karozza tieghu sabiex igib dan id-dokument.  L-imputat xehed illi meta kien barra ra tlett irgiel qeghdin iduru mal-karozza tieghu u malli wasal hdejn il-karozza dawn bdew joffenduh u jghajjruh.  Huma raw illi n-number plate kienet Taljana u bdew joffenduh bl-Italja.  Bdew jghidu wkoll kliem oxxen fuq pajjizu, fuq ommu etc.  L-imputat qal illi ma tax kazhom, ma qalilhom xejn, qabad id-dokumenti u rega dahal gewwa u halla l-karozza fejn kienet.  L-imputat kompla jixhed illi dahal fl-ufficju u tahom id-dokumenti u wara xi hames minuti l-Manager qallu illi kellhom bzonn jergghu johorgu barra ghaliex il-Manager kellu jiccekja xi haga fuq il-karozza tieghu.  L-imputat xehed illi huma u mexjin lejn il-karozza ra wiehed minn dawk it-tlett irgiel li kien semma niezel lejh b'rankatura u bi tbissima sardonika f'wiccu.  Dak il-hin ma tax kaz u baqa ikellem lill-Manager.  F'daqqa wahda dar u ra li dan ir-ragel kien dahal fuqu.  L-imputat xehed li dan ir-ragel kien gej fuqu bir-rankatura u imbuttah u ghalhekk dak il-hin iddefenda ruhu billi imbuttah hu wkoll.  Skond l-imputat dan ir-ragel waqa mal-art u l-imputat mar wara l-karozza.  In-nies bdew izommu lil dan ir-ragel li rega qam ghalih.  Skond l-imputat lilu hadd ma zammu imma baqa wahdu wara l-

karozza.  L-imputat kompla jixhed illi huwa ibati bl-asthma u dak il-hin qabdu attakk tal-asthma u l-imputat kompla jixhed illi inizjalment kien hemm tlett irgiel li kienu offendewh.  Pero' lit-tnejn l-ohrajn huwa ma rahomx izjed.  L-imputat cahad illi meta imbutta lil dak ir-ragel u gie mal-art huwa baqa jaghtih bis-sieq.  Anzi qal illi harab minnu ghaliex dan ir-ragel kien rega qam ghalih.  L-imputat ikkonferma illi ma garrab l-ebda griehi f'dan l-incident.  Huwa qal illi dak ir-ragel kien gie fuqu biex jimbuttah u hu kien ser jaqa u kien ghalhekk illi iddefenda ruhu billi imbuttah.

Illi xehdet Jacqueline Grima, it-tfajla tal-imputat u bazikament ikkonfermat ix-xhieda illi ta l-istess imputat. Jacqueline Grima kompliet tixhed illi l-Manager kien talab lill-imputat sabiex johrog barra mieghu sabiex jaraw xi affarijiet fil-karozza.  Skond hi wara ftit rega' dahal jigri l-Manager u lilha qalilha biex tohrog barra ghaliex kien hemm xi ragel li beda jghajjar lill-imputat u gew f'idejn.  Hija xehdet illi kif harget barra rat lill-imputat wahdu fejn il-karozza u rat ragel li kienu qeghdin izommuh ghaxra minn nies.  Dan ir-ragel kien qieghed jidghi, hija marret fuq l-imputat, pero' l-imputat ma setax ikellimha ghaliex kien qabdu attakk tal-asthma.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Stivala kif ukoll talli ostakola il-passagg liberu bil-mod kif ipparkja il-vettura tieghu, wkoll talli fl-istess perjodu, zmien lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Illi d-difiza qeghda issostni li ma hemmx il-prova tal-ferita gravi u illi l-incident gara ghaliex bdiet bil-provokazzjoni ta' Stivala, umbaghad bl-azzjoni u ghalhekk l-imputat iddefenda lilu innifsu u se mai kien hemm eccess ta' legittima difeza, liema eccess gara minhabba illi l-imputat inhasad jew beza.

Illi l-Qorti fliet sew ix-xhieda kollha illi inghatat f'dan il-kaz u jirrizulta mix-xhieda illi giet prodotta illi l-imputat agredixxa lil Stivala u illi meta ghamel hekk huwa ma kienx qieghed jagixxi in legittima difeza u lanqas taht provokazzjoni;

Illi Stivala meta xehed ammetta illi kien kellem lill-imputat b'mod oxxen u li kien offendih bl-Italja.  Stivala kompla jixhed

illi hin wara x’hin kien niezel in-nizla l-imputat gie lejh bil-girja tah daqqa ta’ ponn, gerrbu mal-art u hemm hekk beda jaghtih bis-sieq. Peter Azzopardi xehed illi huwa kien fil-bieb u ra lill-imputat jahbat ghal Stivala bhal iljun. Meta Stivala waqa mal-art l-imputat beda jaghtih bis-sieq kif gie gie. Azzopardi xehed li huwa kien ilu fil-bieb madwar ghaxar jew hmistax il-minuta u li f’dawn l-ghaxar, hmistax il-minuta ma kien inqala l-ebda incident bejn Stivala u l-imputat. John Tabone xehed illi f’hin minnhom huwa kien ra lil Stivala bid-demm hiereg minn wiccu. Huwa kompla jixhed illi f’daqqa wahda ra lill-imputat gej ghal Stivala u jaghtih double kick, laqtu f’idejh u tajjarlu c-cwievet. Victor Aquilina xehed illi huwa kien mal-imputat fil-hin li inqala l-incident in kwistjoni. Huwa xehed illi kien niezel ragel illi huwa ma kienx jaf min kien u x’hin wasal fit-tarf tar-rampa l-imputat qabad isawtu.

Illi l-istess imputat fl-istqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija ammetta illi l-incident inqala hin wara illi Stivala offendih bl-Italja. Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal illi huwa kien hareg mix-‘showroom’, ra lil Stivala niezel bil-girja. Kif ra hekk haseb li dan kien gej ighidlu xi haga u ghalhekk tah daqqa ta’ ponn.

Illi meta xehed fil-Qorti l-imputat biddel il-verzjoni tieghu u xehed illi wara illi kien ra lil Stivala niezel ir-rampa b'rankatura u bi tbissima sardonika f'wiccu, f'daqqa wahda dar u lil Stivala rah li kien dahal fuqu.

Illi l-Qorti tinnota illi fl-ebda hin fl-istqarrija tieghu l-imputat ma qal dan il-kliem. L-imputat kompla jixhed illi Stivala kien gej fuqu bir-rankatura u imbuttah. Il-Qorti tinnota wkoll il-fatt illi dan kollu ma giex imsemmi minn l-imputat a tempo vergine meta ta l-istqarrija tieghu lill-pulizija. L-imputat kompla jixhed illi dak il-hin iddefenda ruhu billi imbuttah u dana peress illi Stivala kien imbuttah.

Illi b'hekk jirrizulta b'mod car illi l-imputat ma kienx konsistenti fil-verzjoni illi ta fis-sens illi biddel il-verzjoni tieghu minn meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-pulizija sa meta xehed fil-Qorti u ghalhekk il-Qorti sejra tiskarta x-xhieda tal-imputat peress illi tqis illi mhijiex wahda veritiera.

Illi lanqas ma hi veritiera x-xhieda tat-tfajla tal-imputat Jacqueline Grima illi qalet illi hija kienet fix-'showroom',

harget meta semghet xi ghajjat u rat illi lil Stivala kienu qeghdin izommuh ghaxra minn nies.

Illi l-Qorti tinnota illi lanqas l-imputat ma qal dan fix-xhieda tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi wara illi ezaminat ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, kif ukoll wara illi fliet il-provi kollha illi tressqu il-Qorti ma tista bl-ebda mod taccetta it-tezi tad-difiza fis-sens illi l-imputat agixxa in legittima difeza.

Illi sabiex treggi t-tezi ta' legittima difeza l-imputat irid ikun agixxa f'sitwazzjoni fejn il-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tal-imputat tkun proporzjonata ghal minaccja jew ghall-agressjoni.

Illi l-Ligi taghna titkellem car x'ghandhom ikunu l-kazijiet ta' bzonn attwali tal-legittima difeza u precizament fl-Artikolu 224 tal-Kap. 9 li jghid hekk :

*“(a)Jekk l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna jsiru filwaqt li wiehed bil-lejl ikun qieghed jirrezisti biex ma jhallix l-iskalata jew il-ksur ta’ recinti, ta’ hitan, jew ta’ bibien li minnhom tidhol ghal dar jew appartament abitat, jew ta’ post li jaghmel maghhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma’ dik id-dar jew ma’ dak l-appartament;*

L-Artikolu 224 (b) umbaghad ighid hekk :

*“Jekk l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna jsiru filwaqt tad-difiza kontra persuna li tkun taghmel serq bi vjolenza jew sakkegg bi vjolenza, jew li tittanta taghmel dak is-serq jew sakkegg;*

Illi certament l-ewwel zewg kazijiet imsemmija fl-Artikolu 224 tal-Kap. 9 ma jinkwadrawx ruhhom mal-kaz in dezamina.

Illi umbaghad il-paragrafu (c) tal-Artikolu 224 tal-Kap. 9 ighid hekk:

*“Jekk l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna jkunu mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza tal-kastita ta’ persuna nnifisha, jew ta’ persuna ohra”.*

Illi lanqas dan il-kaz ma jinkwadra ruhu mac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Illi wiehed irid jaghmel id-distinzjoni bejn legittima difeza u provokazzjoni.

Illi fil-kaz ta' legittima difeza wiehed johrog mill-kamp tal-provokazzjoni kompletament u jidhol fil-kamp tal-minaccja ta' perikolu attwali u immedjat ta' dak li hu ikkontemplat fil-Ligi cioe' ta' perikolu tal-mewt jew ta' offiza fuq il-persuna jew fuq il-kastita. Il-provokazzjoni hija koncett totalment differenti u mhux kull att provokatorju iwassal ghal-lettima difeza. Fil-kaz ta' legittima difeza id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli, kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-Qorti hawn hekk ticcita sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija kontra Joseph Psaila** tal-20 ta' Jannar, 1995.

Illi l-Qorti issa ser tghaddi biex tikkunsidra d-difiza illi ressaq l-imputat illi huwa agixxa taht provokazzjoni, u f'dan ir-rigward il-Qorti sejra ticcita sentenza tal-Qorti tal-Appell

Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija kontra Emanuel Vella** tas-26 ta' Marzu, 1996 fejn il-Qorti qalet illi skond l-Artikolu 235 tal-Kap. 9 ma jiswewx lill-hati il-provokazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 227 u 230 tal-Kap. 9 meta ma jkunux saru filwaqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza.

Ghaldaqstant fil-kaz odjern l-allegata provokazzjoni, jigifieri l-fatt illi Stivala ghajjar lill-imputat bl-Italja u anke kelmu b'mod oxen, kellha issir <u>filwaqt</u> tal-azzjoni li taghha ingabet bhala skuza, jigifieri filwaqt illi l-imputat beda isawwat lil Stivala. Mentri fil-fatt fil-kaz odjern nafu, irrizulta minn diversi xhieda, anke tal-istess imputat, kemm waqt l-istqarrija li ta lill-pulizija, kif ukoll meta xehed fil-Qorti, illi kien ghadda bejn kwarta, ghoxrin minuta minn meta Stivala ghajjar lill-imputat sa meta l-imputat qabad isawwtu.

Ghaldaqstant l-imputat ma jista bl-ebda mod iressaq id-difiza tal-provokazzjoni ghaliex meta huwa sawwat lil Stivala kien ghadda il-hin minn meta huwa kien gie mghajjar mill-istess Stivala.

Illi ghal dak li jirrigwarda is-sottomissjoni tad-difiza illi ma tistax tirrizulta l-offiza gravi peress illi id-Dottoressa li ezaminat lil Stivala ma regghetx ezaminatu sabiex tghidilna illi effettivament l-offiza kienet wahda gravi perdurata hija gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati illi una volta jirrizulta l-ksur kif fil-fatt irrizulta fil-kaz odjern fejn gie ippruvat Stivala sofra minn 'fractured wrist', dan ifisser illi l-offiza hija gravi perdurata.

Ghaldaqstant ma kienitx mehtiega l-prova da parti tal-Prosekuzzjoni illi l-imputat rega gie ezaminat minn xi tabib qabel jew appena jaghlqu t-tletin jum.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni irnexxiela tipprova l-akkuzi kollha kif dedotti fl-imputazzjoni kontra l-imputat fuq imsemmi u ghaldaqstant wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Settembru, 2000 tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena il-Qorti qieset il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalhekk jidher illi dan kien incident izolat u illi ikun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat kif ukoll ghas-socjeta' in generali illi l-imputat jinghata opportunita sabiex jirriforma ruhu u ma jergax jirrepeti l-izball illi ghamel.

Illi l-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja f'dawn ic-cirkostanzi u ghalhekk wara li rat ukoll l-**Artikolu 9 tal-Kapitolu 152,** filwaqt illi tillibera lill-imputat, tobbligah li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur